A.L. 375 ta' l-2004

ATT TA' L- 2004 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU.II TA' L- 2004)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' Lm 13,000,000 5.4% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2010 (Ir-Raba' Ħruġ)

Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm13,000,000 5.4% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. (a) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fil-21 ta' Frar, 2005 wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.4% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2010 (IV) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' Lm13,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.70,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-21 ta' Frar u fil-21 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu bejn l-14 ta' Awissu ,2004 u l-21 ta' Frar, 2005 jsir fil-21 ta' Frar, 2005.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fil-21 ta Frar, 2010.